**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 10 ta' Mejju, 2023**

Numru 5

**Rikors Nru. 157/2021**

**Malta Boatmen & Mooring Services Co-Op Limited**

**vs**

**Awtorita ghat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni maghmul mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tal-14 ta' Settembru 2022 li iddikjarat l-appell tal-istess Awtorita bhala irritu u null;

Rat ir-risposta tas-socjeta ritrattata li sostniet li r-ritrattazzjoni kellha tigi michuda;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Din hi sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni maghmula mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta taht l-artikolu 811(e) u (l) tal-Kap. 12 sabiex jinstema mill-gdid l-appell li gie maqtugh minn din il-Qorti b'sentenza moghtija fl-14 ta' Settembru 2022, wara li tigi mhassra l-istess sentenza.

L-appell li wassal ghal din it-talba gie in segwitu ghal decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg tas-7 ta' Novembru 2021 fejn l-istess Tribunal iddecieda illi l -Awtorita ghat-Trasport kisret id-dmirijiet u obbligi naxxenti mill-kuntratt tal-1 ta' Novembru 2012 bejn l-istess Awtorita u s-socjeta ritrattata u konsegwentement ordnat lill-Awtorita thallas id-danni likwidati mill-istess Tribunal. Il-parti decisiva tghid hekk:

> jiddikjara li l-Awtorita intimata ksiret id-dmirijiet u l-obbligazzjonijiet taghha naxxenti mill-kuntratt esistenti u vigenti bejn il-partijiet meta awtorizzat jew ippermettiet lil terzi jesegwixxu xoghol ta' irmigg fuq il-bastimenti "St John Paul II" u "Jean de la Valletta", kuntrarjament ghal dak li kien stiulat fil-ftehim tal-1 ta' Novembru 2012 konkordat bejn il-kontendenti

L-Awtorita appellata ghamlet ukoll sottomissjonijiet biex issahhah l-argumenti taghha b'referenza ghall-artikolu 1(2) u 3(1) tal-regolamenti kif ukoll l-artikolu 4A(2) tar-regolamenti dwar il-Pilotagg Marittimu (SL 499.26). Hi issostni li ghalkemm l-arbitru accetta li l-kuntratt sar fil-qafas tal-A.L. 253/2012 l-arbitru estenda l-validita tal-kuntratt ghal batimenti li ma jaqghux taht l-A.L. 253/2012. L-Awtorita qieset li dan kollu kien punt ta' ligi appellabbli ghax il-kuntratt ma giex interpretat fid-dawl tal-A.L. 253/2012. Jirreferu ghas-sentenza Lay Lay Company Limited vs L-Ghajn Construction Limited (28/06/2021) fejn il-Qorti ikkonkludiet li interpretazzjoni ta' kuntratt kellu jigi regolat skont il-principji legali li jirregolaw interpretazzjoni ta' kuntratti ghax id-decizjoni kellha tinghata skont il-ligi. L-Awtorita sostniet li ghalkemm l-arbitru ma ghamilx referenza ghall-artikolu tal-ligi dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratti, dan kien johrog car mit-talbiet tal-istess ritrattandi.

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha, wara eccezzjoni tas-socjeta ritrattata li l-appell ma kienx fuq punt ta' ligi kif irid il-Kap. 387 laqghet din l-eccezzjoni wara li ikkonsidrat hekk:

Tibda billi tirrileva li l-Arbitru gharaf li l-azzjoni tal-Koperattiva appellata kienet imsejsa fuq il-ftehim tal-1 ta' Novembru, 2012, li kien jikkostitwixxi 'il-ligi' bejn il-partijiet, u li permezz ta' Annex 1 kien hemm patwit fejn ghandhom jigu rezi s-servizzi mis-'service provider', ossija l-Koperattiva appellata. Fehem li skont il-kundizzjoni 3.7 ta' dak il-ftehim, is-servizz kellu jinghata anki fl-assenza ta' bdot kif ukoll ta' kaptan. Qal li dan il-ftehim kien gie ffirmat sussegwenti ghall-promulgazzjoni tal-A.L. 253 tal-2012, u l-Arbitru ghadda sabiex iddikjara li ghalhekk il-partijiet "... kienu konsapevoli tal-Avviz Legali, riedu li is-servizzi tas-socjetà rikorrenti jinghataw anke fl-assenza tal-bdott u addirittura anke fl-assenza kemm tal-bdot kif ukoll tal-kaptan. Fi ftit kliem allura certament illi l-interpretazzjoni li qed taghti l-Awtorità intimata, bir-rispett kollu, ma hijiex korretta". Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti jirrizulta li l-lodo arbitrali b'mod indisputabbli jittratta interpretazzjoni tal-kuntratt, haga li mhijiex ikkontestata mill-Awtorità appellata, u din tghid li tali interpretazzjoni ma saritx fid-dawl tal-A.L. 253 tal-2012, u ghaldaqstant tikkostitwixxi punt ta' ligi li minnu hija ghandha dritt ta' appell quddiem din il-Qorti. Tikkontendi li din il-kwistjoni tal-interpretazzjoni tal-kuntratt ghandha tigi meqjusa bhala punt ta' ligi, ghaliex kif wara kollox osserva l-Arbitru, "huwa [il-Kuntratt] li jorbot lill-partijiet u kwindi dan huwa il-"ligi" ta' bejniethom". Din il-Qorti madankollu tghid li dan l-argument tal-Awtorità appellanta huwa wiehed fallaci ghal kollox u ma jistax jirnexxi, ghaliex il-fatt li skont is-subartikolu 992(1) tal-Kodici Civili jipprovdi li kuntratt ghandu s-sahha ta' ligi ghall-kontraenti, ma jfissirx li b'hekk skont is-subartikolu 70A(1) tal-Kap. 387 suriferit, il-partijiet ghandhom dritt li jinterponu appell minn kull interpretazzjoni tieghu. Din certament ma kinitx l-intenzjoni tal-legislatur li permezz tad-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ried iqiegħed b'mod car il-parametri li fihom jista' jsir appell minn lodo arbitrali. Dan billi nghata biss dritt ta' appell fejn tqum kwistjoni dwar l-interpetazzjoni tal-ligi, izda mhux ta' interpretazzjoni ta' ftehim bejn il-partijiet, fejn il-Qorti sahansitra mbaghad tikkonsidra l-mertu tal-vertenza.

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li l-appell odjern huwa inammissibbli.

**Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 applikazzjoni hazina tal-ligi**

L-Awtorita fir-rikors ta' ritrattazzjoni bazikament tirrepeti l-argumenti li ressqet fir-rikors tal-appell u quddiem l-arbitru u issostni b'referenza ghal kwistjoni procedurali quddiem din il-Qorti fil-fazi tar-ritrattazzjoni illi

li l-intenzjoni tal-partijiet kienet illi dan il-kuntratt jigi interpretat fi-dawl ta' dak li jghid l-Avviz Legali 253/82012:

"WHEREAS the Authority wishes to engage the Service Provider for the provision of mooring services (as defined hereunder in Clause 3) to exclusively render, during the term of this Agreement, efficient and reliable mooring services at the terminals, areas, quays, wharves and

berths as required in the Regulations and as established in Annex I of this Agreement"

Izidu:

Il-kliem "as required in the Regulations" huwa car fis-sens illi l-esklussivita tas-socjeta appellata li tesegwixxi servizzi ta' rmigg fit-terminals, molllijiet u rmiggi ndikati f'Annex I tal-istess kuntratt, ghandha tigi interpetata fid-dwal tal-Avviz Legali 253/2012;

Din il-Qorti tqis li bhala punt ta' tluq, talba ta' ritrattazzjoni fuq dan l-artikolu timplika uzu ta' provvediment tal-ligi flok iehor (ara **Alexander Gray Bannerman et vs John Camilleri et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019). Ghalhekk, biex tinghata r-ritrattazzjoni, irid jintwera li l-qorti applikat il-ligi l-hazina fis-sentenza attakkata. Huwa minhabba f'hekk ukoll li l-ligi fl-artikolu 816 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta trid li min jitlob is-smigh mill-gdid ta' kawza jrid isemmi wkoll liema messha kienet il-ligi t-tajba li suppost giet applikata (ara **Joseph Spiteri et vs Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 2019).

Is-sentenza ghandha tithassar mhux meta tinterpreta u tapplika l-ligi hazin izda meta tapplika ligi flok ohra li tghodd ghall-kaz, i.e. mhux ghax tkun applikat hazin il-ligi applikabbli izda ghax tkun applikat il-ligi l-hazina. Fi kliem iehor, ma jkun hemm l-ebda applikazzjoni tal-ligi hazina meta l-qorti tkun applikat b'mod hazin il-ligi t-tajba li kienet tghodd ghall-kaz (ara **Francesco Saverio Borg vs Joseph Mallia et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001 u **Josephine Camilleri et vs Joseph Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu, 2021).

Minbarra dan, huwa wkoll importanti li wiehed izomm quddiem ghajnejh li biex jista' jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal- ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu valutati jew interpretati b'mod iehor, ghajr kif gew valutati u interpretati fis-sentenza attakkata (ara **Paul Piscopo et vs Kontrollur tad-Dwana**

deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2022).

Thares mnejn thares lejh dan l-aggravju jibqa' l-fatt illi dak li qed jattakka r-ritrattand hu l-manjiera li bih il-Qorti tal-Appell applikat il-ligi t-tajba cioe l-bazi ta' dritt ta' appell quddiemha cioe l-artikolu 70A(1) tal-Kap. 387, ghal dak li skont il-Qorti tal-Appell irrizultalha bhala fatt cioe l-intendiment tal-partijiet ghal ftehim minnhom konkluz. L-Awtorita ritrattandi issostni li l-Qorti tal-Appell applikat hazin l-artikolu 70(1) fit-tifsira ta' dak li hu punt ta' ligi billi sostniet li kellha tqis l-ewwel il-fatti u l-applikazzjoni korretta tal-A.L. 253 tal-2012. Pero din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Appell qieset dan u waslet ghal konkluzjoni li l-artikolu 70(1) ma kellux jigi applikat fis-sens li parti setghet tappella meta ma kinitx taqbel ma' decizjoni dwar l-interpretazzjoni moghtija ghal ftehim, ghax dan jibqa' interpretazzjoni tal-fatti ghal ligi u mhux applikazzjoni tal-ligi.

Din il-Qorti ma tistax taqbel mal-Awtorita ritrattandi li l-Qorti tal-Appell applikat hazin l-artikolu 70(1) tal-Kap. 387 izda aktar li interpretatu b'mod restrittiv. Ghalhekk ma jirrizultawx l-estremi tal-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 biex is-sentenza tithassar.

**Artikolu 811(l) zball ta' fatt**

L-Awtorita ritrattandi issostni wkoll illi s-sentenza hi milquta minn zball ta' fatt ghax bazata fuq is-suppozizzjoni li l-mertu tal-kawza u l-appell huwa biss fir-rigward tal-interpretazzoni hazina tal-kuntratt u ma tikkunsidrax l-Avviz Legai 253/2012.

Bhala punt ta' tluq dan l-artikolu jipprovdi li hemm lok ghar-ritrattazzjoni meta s-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.

L-izball ma jridx imiss mal-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun gie jew seta' gie mifhum mill-gudikant li ta s-sentenza, li qieghed jintalab it-thassir taghha, ghaliex dan mhuwiex zball li johrog mill-atti imma fis-sewwa konvinciment insindakabbli tal-gudikant (ara **Josephine Camilleri et vs Joseph Camilleri**, Appell Superjuri tas-26 ta' Marzu, 2021). Fi kliem aktar hafif, irid jintwera li l-izball ikun wiehed materjali ta' fatt u mhux zball ta' kriterju

jew ta' interpretazzjoni (ara **Gourmet Company Limited et vs Mariano Vella**, Appell Superjuri tat-28 ta' Jannar, 2005).

Kif tajjeb poggietha din il-Qorti fis-sentenza taghha **Mare Blu Tuna Farm Limited vs Dr. Louis Cassar Pullicino nomine** deciza fl-4 ta' Ottubru, 2010 irid, "ikun hemm prova cara u netta fl-atti jew fid-dokumenti li ghandha biss tifsira wahda u unika, cioè li tistabbilixxi certu fatt jew li teskludih, u minflok il-gudikant bi zball u proprju ghaliex ma indunax b'tali prova, fid-dikjarazzjoni tieghu fis-sentenza juri li ssupona l-invers ta' dak li tfisser il-prova u b'hekk mexa fuq presuppost zbaljat*.*"

F'dan il-kaz il-Qorti tqis li lanqas hemm punt ta' fatt materjali li ghandu tifsira wahda u l-gudkant bi zball issupona l-invers u mexa fuq presuppost zbaljat. Il-fatti quddiem il-Qorti tal-Appell kienu univoci u fehmithom sew. Waslet ghal konkluzjoni li l-A.L. 253/2012, parti mill-kuntratt bejn il-kontendenti, u li l-partijiet kienu konsapevoli tieghu, riedu jdahhlu certu stipulazzjonijiet bejniethom u li d-decizjoni arbitrali trattat din il-kwistjoni u waslet ghal decizjoni dwarhom. Tajjeb jew hazin ma jistax jinghad li l-Qorti tal-Appell qieset biss il-kwistjoni tal-interpetazzjoni hazina tal-kuntratt izda li l-kwistjoni quddiemha permezz tal-appell interpost mill-Awtorita ritrattandi kienet jekk l-arbitru interpretax sew il-kuntratt fl-isfond tal-ligi. Dan ma jikkostitwix raguni ghal ritrattazzjoni kif qed tigi impostata mill-Awtorita ritrattandi.

**Decide**

Ghal ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tal-Awtorita ritrattandi ghat-thassir tas-sentenza appellata fl-ismiijiet premessi tal-14 ta' Settembru 2022, fl-ispejjez kontra l-Awtorita ritrattandi.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur